



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2014  
(OR. en)

16968/14

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2014/0349 (NLE)**

---

**EEE 80**  
**UD 285**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                         |
|-------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                            |
| data meta waslet: | 15 ta' Diċembru 2014                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:              | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                |
| Nru dok. Cion:    | COM(2014) 728 final                                                                                                                                                                                                                     |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-regoli ta' oriġini (It-Tkabbir tal-Kroazja) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 728 final.

---

Mehmuż: COM(2014) 728 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.12.2014  
COM(2014) 728 final

2014/0349 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-  
regoli ta' oriġini  
(It-Tkabbir tal-Kroazja)**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi emendat il-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-regoli ta' oriġini

### **2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-regoli ta' oriġini sabiex jindika li r-Repubblika tal-Kroazja saret parti mill-Ftehim ŻEE. Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE ġie ffirmat fil-11 ta' April 2014 u beda japplika fuq bażi proviżorja mit-12 ta' April 2014.

Ċerti arranġamenti tranżitorji rigward l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini wara l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE jeħtieġ li jiġu indikati fil-Ftehim taż-ŻEE.

### **3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-  
regoli ta' oriġini  
(It-Tkabbir tal-Kroazja)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>2</sup> ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE ("il-Protokoll 4").
- (3) Il-Protokoll 4 fih dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar ir-regoli ta' oriġini.
- (4) Ċerti arranġamenti tranżitorji rigward l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini wara l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE jeħtieġ li jiġu indikati fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (5) Għalhekk, il-Protokoll 4 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż.

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

<sup>2</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE, dwar ir-regoli ta' orġini, tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*